# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 161/2018: **JOEKONEDO LIMITED (C80762) V. CHIARA PERESSO (KI. 49374M)**

(IL-PRESUNZJONI ILLI BNIEDEM JIKKUNTRATTA GHALIH INNIFSU – L-ISPENDITA DEL NOME TRID ISSIR SAL-MUMENT META L-FTEHIM IKUN ĠIE FFINALIZZAT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Lulju 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joekonedo Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2018[1] li permezz tiegħu talbet lil Chiara Peresso ("l-intimata") tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti li:

**thallas lill-attrici s-somma ta' tlettax –il elf, disa' mija u sebgha ewro u sebgha centezmi (€ 13,907.07), rapprezentanti l-valur tal- ammont dovut minnek lill-attrici ghall- prodotti mibjugha lilek u servizzi rezi lilek [ Dok A-I]**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 798/2018 ipprezentata nhar is-16 ta' April 2018 ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 809/18 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2018[2] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

1. Illi in linea preliminari, ma hemm ebda elazzjoni guridika bejn il-kontendenti ghaliex l-esponenti dejjem innegozjat ma' Antonino Santoro f'ismu personali.

---

[1] Fol 1-7
[2] Fol 16-17

2. Illi din il-Qorti ghandha tissopprassjedi peress illi fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, hemm kawza pendenti fl-ismijiet Chiara Peresso vs Antonino Santoro, rikors guramentat numru 503/2018, ipprezentata fid-9 ta' Mejju 2018, fejn l-esponenti qed titlob id-danni minhabba li l-appalt kien abbandunat u x-xoghol li sar minn Antonino Santoro, sar hazin.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif diretti fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jkunu michuda bl-ispejjez stante li l-istess esponenti mhix debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ebda ammont u dan ghaliex ix-xoghol esegwit ma sarx skond is-sengha u l-arti.

4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, xejn ma huwa dovut ghaliex l-prezz miftiehem ghall-appalt in kwistjoni kien lahaq thallas waqt li kien ghaddej ix-xoghol.

L-esponenti tirriserva li tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u s-socjeta' attrici hija minn issa ingunta in subizzjoni.

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat li bi qbil bejn il-partijiet instemgħu l-provi limitatament għall-ewwel eċċezzjoni (preliminari) mressqa mill-intimata ċioe dik tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti;

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti diversement presjeduta,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti sa' issa fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukati rispettivi dwar l-eċċezzjoni preliminari msemmija,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti fetħet il-kawża odjerna kontra l-intimata sabiex titħallas minnha l-ammont ta' € 13,907.07 li skond hi jirrappreżenta l-prezz ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni, *plastering* u materjal fil-fond "The Burrow Guest House" f'Ħal Tarxien, li twettqu lill-intimata u li baqgħet ma ħallsietx.

2. L-intimata fid-difiża tagħha qed tgħid l-ewwel u qabel kollox illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-kumpanija rikorrenti peress illi hi dejjem innegozjat ma' ċertu Antonino Santoro f'ismu personali.

3. Din is-sentenza qed tingħata fuq din l-eċċezzjoni preliminari.

*Provi*

4. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 xehed **Antonino Santoro**, li qal li għandu l-kariga ta' amministratur fil-kumpanija rikorrenti Joekonedo Limited. Qal ukoll li jaħdem bħala bennej u li kien qiegħed f'Malta fuq  xogħol jaħdem fi tlett iħwienet fejn xogħlu kien li jagħmel kważi kollox, mix-xiri tal-materjal sat-tlestija tagħhom. Hu kien sab post fejn joqgħod, bl-isem ta' "The Burrow" ġewwa Raħal Ġdid, li kien viċin fejn kien qed jaħdem. Huwa sar jaf lis-sid, ċioe lill-intimata Chiara Peresso li spjegalha x'jagħmel u uriha x-xogħol tiegħu fuq il-*website* tiegħu. Din min-naħa tagħha qaltlu li kienet interessata li tqabbdu sabiex jagħmel l-istess xogħol fil-post "The Burrow" li kellu bżonn jiġi ristrutturat. Skond ix-xhud, l-intimata riedet tqabbad lilu għax skond hi il-Maltin m'humiex affidabbli u għalhekk huwa aċċetta li jaqdiha. Hija laqqatu mal-Perit Amanda De Giovanni, li urietu xi pjanti. Huwa ra li kien hemm xi żbalji fihom però li riedet mingħandu kienet stima tax-xogħol. Dak iż-żmien huwa kien jaħdem ma ditta magħrufha bħala Edil Gordon però spjega lill-intimata li huwa kien ser jiftaħ negozju f'Malta peress li xtaq jibni l-futur tiegħu hawn u allura skond hu kienet taf li l-istima kienet ser tkun waħda proviżorja.

5. Huwa bagħtilha l-istima taħt l-isem tad-ditta *Edil Gordon* f'Novembru 2017 permezz ta' email. Kopja tal-istima u tal-email ġew esebiti bħala Dok AS1 u AS2[3]. Ix-xhud reġa tenna illi l-ammont indikat kien wieħed approssimattiv u li huwa bagħtilha sempliċiment biex juriha x'tip ta' xogħol kien jagħmel. Spjega li l-ħaddiema li kellu miegħu ma setgħux jinqalgħu mill-ewwel u riedu l-ewwel jaraw ix-xogħol li kien hemm bżonn. Madanakollu tawh il-prezzjiet għal kull metru kwadru. Ix-xogħolijiet kellhom jinbdew f'Jannar 2018.

6. Ix-xhud Santoro qal illi l-intimata aċċettat tali stima u talbitu jibda x-xogħlijiet immedjatament. Huwa fehem li għandu l-fiduċja tagħha sabiex jagħmel dak kollu meħtieġ biex jagħlaq il-proġett. Meta mbagħad ġew il-ħaddiema marru fuq il-post għal kejl finali u allura x-xhud seta' jagħti prezzijiet definittivi. Fi kliemu:

---

[3] Fol 32 u 33

> *"Ghamilt kollox, irrangajt kollox kif suppost u allegajt dawn il kwotazzjonijiet definittivi. Hemm ... il-haddied li pratikament bena il- passarella bil-hadid, ghax *** fuq, induna li fuq kien hemm xi qisien totalment hziena. Li ma kienux tajbin u qalli isma ha nghidlek, Antonino sfortunatament biex naghmlu dan ix-xoghol irridu bil-fors nibdew ghax ma nafux x'ser jigri hemm fuq ghax imxengel. Manadankollu nipprovaw naghmlu l-impossibbli. Jiena, emminni, Sur Magistrat, hemm gew ghamilt l-impossibbli, kien qisu verament tieghi il- B&B."*

7. Ix-xhud kompla jispjega kif imbagħad bagħat stima definittiva lill-intimata u din kellha t-28 ta' Frar 2018 bħala data ta' skadenza anke għaliex kellu pjan ta' kif u meta kien se jaħdem biex ilesti x-xogħol b'effiċjenza. Din l-istima kienet maħruġa taħt l-isem tal-kumpanija rikorrenti u ġiet mibgħuta permezz ta' *email* lill-intimata li min-naħa tagħha aċċettatha. L-istima u l-*email* ġew esebiti u mmarkati bħala Dok AS3 u AS4.[4] Ippreżenta ukoll numru ta' ċekkijiet iffirmati mingħand l-intimata Peresso u indirizzati lir-rikorrenti Joekonedo Limited – Dok AS5[5]. Ix-xhud allega fix-xhieda tiegħu illi l-intimata qed tuża l-ewwel stima mibgħuta minnu (taħt l-isem Edil Gordon) bi skop malinn bħallikieku t-tieni waħda, dik definittiva, ma kienetx tgħodd.

8. Skond ix-xhud Santoro, meta l-intimata kienet tiffirmalu ċ-ċekkijiet hija kienet taf eżatt għal x'hiex kienet qed tiffirma u li dawn kienu maħruġha lill-kumpanija rikorrenti. Għalhekk l-intimata hija in *mala fede* u qed tagħmel din l-eċċezzjoni preliminari tagħha bi skuża sabiex ma' tħallsux. Huwa tenna illi d-ditta Taljana Edil Gordon kien għalaqha u f'Malta beda jaħdem esklussivament bil-kumpanija rikorrenti. Dan kollu kienet tafu l-intimata.

9. Santoro kompla jixhed kif ix-xogħol beda iżda kien hemm xi xogħlijiet li tħallew sospiżi u dan għaliex l-intimata kienet għadha indeċiża isirux jew le. Ix-xogħol beda fid-29 ta' Jannar 2018 iżda fil-15 ta' Frar 2018 instabu problemi li kienu moħbija u li skont ix-xhud ma setgħux ikunu jafu bihom qabel ingħatat il-kwotazzjoni definittiva. L-ikbar problema li inqalgħet kienet minħabba drains li kien hemm f' waħda mill-kmamar tal-banju. Ix-xhud jgħid li l-intimata kienet ikkonfermatli li setgħu jużaw dawn id-drains għal kamra oħra tal-banju. Madankollu meta ġew biex jaħdmu innutaw li d-drains kienu kollha miżdudin. Dwar dan informa mall-ewwel lill-intimata li kkonfermatlu li seta' jkompli jaħdem u dan għaliex kien hemm għaġġla da parti tal-intimata. Iktar 'il quddiem l-intimata wkoll ikkonfermatlu li setgħu ibiddlu l-madum anke jekk din ma kienetx parti mill-istima definittiva iżda x-xhud qal li

---

[4] Fol 34-36
[5] Fol 37-41

prova jagħmel dak kollu possibli biex jagħmel xogħol tajjeb u b'ħeffa. Barra mill-madum ix-xhud spjega li kellu jagħmel id-*drains* kollha minn barra minkejja li ma kienux fl-istima u l-*fireplace* (li kellu jibdlu u jġibu ġdid fjamant) minkejja li ukoll dan ma kienx fl-istima.

10. Ix-xhud kompla jgħid illi minkejja li kien tħallas parti mill-ammont (jsemmi l-figura ta' €9,000) dana kien biżżejjed biss biex ikopri parti mill-ispejjeż u ma kienx jirrappreżenta l-prezz tax-xogħol kollu li sar inkluż ix-xogħolijiet hekk imsejjħa *extra.* Qal li minkejja li kien hemm messaġġi inkluż bil-WhatsApp u anke diversi konfermi mingħand l-intimata li kienet se tħallas, huwa baqa' ma tħallas qatt.

11. Ikkonfrontat mill-Qorti iktar tard fix-xhieda tiegħu x-xhud ikkonferma illi huwa rċievha €17,000 fi ħlasijiet mill-intimata kif jixhdu ċ-ċekkijiet esebiti minnu bħala Dok AS5. Madanakollu spjega illi fl-aħħar mill-aħħar bix-xogħlijiet żejda li għamel wasal għas-somma totali ta' ċirka €29,000 bħala l-valur tax-xogħolijiet. Meta huwa beda jitlob lill-intimata sabiex tħallsu hija bdiet tibkilu u tgħidlu li għandha bżonnu jlestilha x-xogħolijiet u li kienet ser tħallsu sal-inqas ċenteżmu wara li jispiċċa. Huwa qal li ħass għaliha u kompla x-xogħolijiet a spejjeż tiegħu.

12. Permezz ta' nota datata 22 ta' Novembru 2018[6], l-intimata **Chiara Peresso** ppreżentat numru ta' dokumenti ossia:

- Kopja ta' kawża għad-danni miftuħa quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili mill-intimata Chiara Peresso kontra Antonino Santoro,
- Kopja tal-atti ta' rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju fl-istess ismijiet,
- Kopja ta' kawża li għad-danni li nfetħet minn Antonino Santoro kontra l-intimata

13. Fis-7 ta' Diċembru 2018 ġie ppreżentat affidavit[7] maħluf minn **Antonino Santoro** fejn fih kkonferma xi fatti li xehed dwarhom matul is-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 u ċċarahom f'xi partijiet. *Inter alia*:

- Ix-xhud esebixxa mill-ġdid l-ewwel stima[8], ċioe dik li kien bagħat lill-intimata f'isem Edil Gordon, fl-20 ta' Novembru 2017, liema stima hija waħda fuq tlett faċċati (u mhux kif oriġinalment preżentata, fuq faċċata

[6] Fol 57-73
[7] Fol 74-104
[8] Fol 80-82

waħda). F'dan ir-rigward tenna illi din l-istima *"kienet ser tkun biss provvizorja ghaliex kont qed niftah socjeta gdida Malta, cioe Joekonedo Ltd., u ghalhekk successivament kont ser nahdem biss minn din l-azjenda l-gdida"*

- Spjega illi kien fis-**<u>27 ta' Jannar 2018</u>**, li permezz ta' email kien bagħat l-istima definittiva numru 1 tal-2018, f'isem Joekonedo Ltd, liema kumpanija fil-frattemp kienet saret operattiva, u l-intimata Peresso aċċettat dik l-istima.[9] It-total ta' din l-istima definittiva kien ta' **<u>€22,396.00 bil-VAT inkluż</u>**.

- Saħaq illi l-fatturi kollha maħruġa lill-intimata Peresso kienu maħruġa minn Joekonedo Ltd u esebixxa kopja tagħhom a fol 88-93. Qal illi l-intimata ħallset l-ammont ta' **<u>€19,000</u>** (u mhux €17,000 kif oriġinalment indikata fix-xhieda tiegħu) permezz ta' ħames ċekkijiet kollha maħruġa f'isem Joekonedo Ltd.

- Sussegwentement skond ix-xhud, minħabba imprevvisti immaterjalizzaw waqt l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, numru ta' xogħolijiet addizzjonali li ma kienux koperti fl-istima numru 1 tal-2018. Is-somma totali ta' dawn ix-xogħlijiet addizzjonali tammonta ghal total ta' €10,511.07 bil-VAT inkluz (Dok AS9). Għaldaqstant ix-xhud qal li valur totali tax-xogħolijiet kollha kien dak ta' €32,907.07 u l-intimata hija dovuta tħallas l-ammont bilanċjali ta' **<u>€13,907.07</u>**

- Għalaq l-affidavit tiegħu billi sostna illi: *"Peresso qatt ma ikkontestat l-invoices tal-Joekondeo Ltd. la in kwantu jirrigwarda ic-cifri rikjesti, u lanqas in kwantu jirrigwarda l-fatt li l-istess invoices kienu mahrugin mis-socjeta Joekonedo Ltd. Tant hu minnu illi c-cheques kienu kollha mahrugin fisem Joekonedo Ltd. L-ewwel darba darba illi sirt naf li Peresso kienet qed tinsinwa, f'daqqa wahda, li r-relazzjoni kuntrattwali tal-appalt kienet mieghi personalment, u mhux mas-socjeta Joekonedo Ltd., kien meta jien sirt naf li hi kienet istitwiet azzjoni ġudizzjarja kontra tieghi personalment. Jien nirribadixxi illi I-appalt kien mas-socjeta Joekonedo Ltd., u dan jirrizulta mhux biss mil-fatt illi l-istima u I-invoices relattivi kienu mahrugin mill-istess socjeta, izda anke mill-fatt li Peresso dejjem hallset lis-socjeta u qatt lili personalment."*

[9] Fol 83-87

14. Permezz ta' affidavit ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2021[10], l-intimata **Chiara Peresso** qalet illi x-xogħol ma' Antonino Santoro beda fil-15 ta' April 2017 waqt li kien qed jagħmel xi xogħol f'ħanut f'Raħal Ġdid. Ix-xhud qalet illi huwa kien jikri kmamar fil-guest house tagħha għalih u għall-impjegati tiegħu. Spjegat illi kien Antonino Santoro stess li talabha tibgħat kont meta x-xogħol beda jiżdied u allura infetaħ kont fuq ismu personali bid-dettalji personali tal-istess Antonino Santoro u minn dakinhar ix-xhud bdiet tibgħat invoices lilu personali.

15. Spjegat li waqt diskussjonijiet, hija bdiet tgħidlu fuq xogħol ta' restawr li kienet bi ħsiebha tagħmel fil-guesthouse u Antonino talabha tibgħatlu l-pjanti tal-Guest House biex wara tkun tista tikkunsidrah biex iwettaq il-proġett. Ix-xhud tgħid ukoll li ried juri x-xogħol lill-kollega tiegħu Taljan. Diversi ġimgħat wara, Peresso qalet li Santoro talabha biex il-kollega tiegħu jmur jara l-Guest House biex flimkien jifhmu aħjar dak li kellu bżonn isir.

16. Ix-xhud qalet illi kitbet lista ta' affarijiet li kellhom isiru u wara ltaqgħet ma' Santoro u l-kollega tiegħu, tathom il-pjanti biex ikunu jistgħu jiġu diskussi x-xogħol preċiż li kellu jsir. Peresso issottolineat illi hija esiġiet li kienet qed tistenna xogħol ta' kwalita'. Qalet li talbitu jkejjel ix-xogħol u għamiltha ċara miegħu li jekk kellhom jaqblu fuq prezz finali ix-xogħlijiet kellhom jitlestew sat-28 ta' Frar 2018 għaliex dakinhar kienu ser jaslu l-ewwel klijenti fil-Guest House.

17. L-intimata qalet ukoll li fil-25 t'Ottubru 2017, Santoro bagħat l-ewwel stima b'*email*. Stqarret ukoll li fl-istima kien hemm l-ammont ta' €6458 b'indikazzjoni li dan il-prezz ingħata wara li ttieħdet idea ta' dak kollu li hemm bżonn inkluż anke imprevisti. Din l-istima kienet ukoll tinkludi pipe għad-drenaġġ tax-xita li saħansitra x-xhud qalet li Santoro ċempillha biex jiżguraha li kien inkluż. Barra minn hekk ix-xhud spjegat ukoll li Santoro qallha li kien se jkun qed idur il-Guest House kollha. Ix-xhud qalet li hija rċeviet erba' stimi bi prezzijiet differenti li jirrappreżentaw xogħlijiet differenti li kienet qed tiddiskuti ma' Santaro u li l-aħħar stima mibgħuta lilha kienet fl-14 t' Diċembru 2017 bin-numru 1844\2017.[11] Qalet li kkonfermat din l-istima fid-19 ta' Diċembru 2017 bil-kundizzjoni illi l-erbgħa banjijiet kien se jagħmilhom għal prezz ta' €6000 inkluż anke tqegħid tal-madum tal-bitħa interna. Fl-istess ġurnata Santoro kien ikkonfermalha bil-miktub li kien qed jaqbel magħha u li kien ser jagħmel il-proġett kif miftiehem għall-prezz ta' € 18,958.00.[12] Ix-xhud

---

[10] Fol 172-210
[11] Fol 201-203
[12] Fol 204

tenfasizza li dan il-prezz kien komplessiv u ma kienx jinkludi biss ix-xiri tal-madum u tas-settijiet tal-banju.

18. L-intimata kkonfermat li x-xogħol beda fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar 2018. Kien biss wara li bdew ix-xogħlijiet li, skond l-intimata, Santoro bagħtilha stima oħra[13] din id-darba f'isem Joekonedo Ltd bil-prezz differenti minn dak li kien maqbul qabel. Dakinhar kienet l-ewwel darba li semgħet bil-kumpanija.

19. L-intimata rrispondiet lil Santoro fid-9 ta' Frar 2018 permezz ta' *email*[14] fejn qaltlu li huma diġà kienu qablu fuq prezz lura fid-19 ta' Diċembru 2017, liema konferma ġiet ukoll mingħand Santoro nnifsu. Qalet lil Santoro li l-ftehim allura kien magħluq u li ma kienetx sa taċċetta prezzijiet differenti u kien obbliga ruħu li jaħdem bl-aqwa professjonalita'.

20. Fl-affidavit l-intimata kompliet tgħid b'reazzjoni għall-istima l-ġdida mibgħuta lilha illi Santoro qatt ma ta stimi mhux inklużi bil-VAT u ma setax iżid il-VAT wara li kien hemm ftehim anke jekk fl-aħħar istima mibgħuta wkoll ma kienx fiha riferenza għal VAT iżda kien kemm sempliċiment żieda fil-prezz minn dak miftiehem. Qalet ukoll illi din l-istima kienet tinkludi xogħol li qabel beda x-xogħol kien inkluż fl-istima maqbula inkluż anke xogħol relatat ma' Piastrelle Cortile, Stagnino plumber u Porte in legno. Barra minn hekk, qalet l-intimata, din l-istima issa kienet f'isem kumpanija li qatt ma semgħet biha. Fl-istess *email*, Peresso infurmat lil Santoro li ma kienetx lesta tħallas iżjed mill-ammont maqbul fl-istima tad-19 ta' Diċembru 2017 u dan għaliex hija għażlet xogħlu wara li saru negozjati f'dan ir-rigward u wara li min-naħa tiegħu kien hemm wegħda ta' xogħol ta' livell għoli.

21. L-intimata spjegat fl-affidavit tagħha illi minkejja illi infurmat lil Santoro illi hi dejjem kienet ftehmet miegħu personali u mhux mal-kumpanija, madankollu Santoro insista magħha illi tikteb iċ-ċekkijiet f'isem il-kumpanija illi qal li kien għadu kif fetaħ u dan għaliex qallha li kellu bżonn jitfa' l-flus hemm. Peress illi din il-ħaġa ma kienetx ħassbitha hija għamlet kif qallha.

22. Fl-aħħar tal-affidavit tagħha, Peresso qalet ukoll illi fl-1 ta' Frar 2018, Santoro kien qalilha li kien għalaq kuntratt ma' plumber Taljan u li x-xogħol kien se jitlesta sal-15 ta' Frar 2018. Madankollu dan il-kuntratt qatt ma ratu u wisq inqas rat lil *plumber* Taljan.

[13] Fol 207-208
[14] Fol 209

23. In kontroeżami fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2023, l-intimata **<u>Chiara Peresso</u>** ikkonfermat illi l-aħħar stima li bagħtilha Santoro kienet intbagħtilha wara li kienu nbdew ix-xogħlijiet u hija ma kienetx aċċettata għaliex skond hi din kienet tirrifletti ammonti differenti minn dawk maqbula fid-19 ta' Diċembru 2018. Barra minn hekk, ikkonfermat ukoll illi l-ħlasijiet dejjem kienu jsiru on account waqt li kien ikun għaddej ix-xogħol bl-aħħar wieħed ikun f' Marzu 2018. Ikkonfermat wkoll li ċ-ċekkijiet ħarġu għan-nom ta' Joekonedo Limited. Xehdet illi *invoices* qatt ma ħarġu minkejja li kienu jsiru l-ħlasijiet u filfatt il-fatturi kien tahomla f'daqqa bil-posta meta telaq mill-post tax-xogħol. Fl-ebda mument, ix-xhud tinsisti, ma nħarġu invoices waqt li kien għaddej bix-xogħol u minkejja li bdew jinħarġu wkoll pagamenti.

24. Meta ġiet mistoqsija kif tista' tispjega li ċ-ċekkijiet li ħarġet kienu jaqblu mal-fatturi, l-intimata ma setgħetx tirrispondi. Madankollu qalet illi ċ-ċekkijiet kienet toħroġhom meta Santoro kien jitlobha tagħmel pagament u dan abbażi tal-istima li kienu qablu fuqha fid-19 ta' Diċembru 2018.

*Kunsiderazzjonijiet*

25. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza ampja tal-Qrati tagħna fosthom is-sentenza fl-ismijiet: "**<u>Media Today Co. Ltd v. Mary Gauci</u>**" (App. Ċiv. Nru. 80/2011 AE, 15/07/2016) u s-sentenza fl-ismijiet: "**<u>M.C.F. Company Ltd v. Charles Buhagiar et</u>**" (Rik. Maħluf Nru. 1008/2014 LM, 15/06/2016). F'din l-aħħar sentenza, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> *"Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*
>
> *1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha.*[15]
>
> *2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in*

---

[15] *Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574; Roppo, Il Contratto 275;* Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'*Giur.it.,* 1985, I,1,1482

*bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*

*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini*[16]*. Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor.*[17] *Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media"*[18] *- hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia. "In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito".*[19]

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu".*[20]

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin- nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u*

---

[16] Vincenzo Roppo, *Trattato del Contratto*, 2006, Vol I, *Formazione,* paġna 761
[17] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal- Kummerc fis-27 ta' April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta' April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677.
[18] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003
[19] Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It., 1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., paġna 766.
[20] **Borg Cold Stores vs. Pickard Mario** – QA (PS) 19.10.2005.

*fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetà M.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef (Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn ilfatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta kummercjali".*[21]

*4) **<u>l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat</u>**.*(sottolinear ta' din il-Qorti)[22] *"Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża Vella vs. Vella noe. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju."*[23]

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)."*[24]

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel."*[25] *Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ Cilia noe vs. Scicluna (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u*

[21] **Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono** 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace.
[22] **Lawrence Formosa *nomine et nomine* vs. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999.
[23] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon
[24] **Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell.
[25] **Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg,** Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990.

*Bonnici noe vs. Grima (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell Caruana et vs. Magro et tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat."*[26]

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203… "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża Formosa et noe vs. Felice tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju"*[27]

26. Skond l-insenjament għaqli tal-Qrati tagħna, bħala punt ta' dritt, darba l-pretensjoni tal-intimata hija li kkuntrattat mhux mal-kumpanija rikorrenti iżda ma' Antonino Santoro personalment, jekk fl-apprezzament tal-provi jirriżulta illi hemm karenza ta` provi jew addirittura dubbju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt u għalhekk għandu jiġi eskluż (Troplong – Mandato No.50 citat fis-sentenza **Vol.XLII.II.203**). Dan oltre il-prinċipju enunċjat ukoll fir-riassunt tal-ġurisprudenza fuq elenkata illi insibu fl-Artiklu 993 tal-Kap.16 u ċioe illi l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom iżda wkoll l-konsegwenzi kollha li ġġib magħhom l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha bl-ekwita', bl-użu u bil-liġi.

27. Kif fuq imsemmi ukoll (Vella v. Vella noe), il-mument determinanti tal-hekk imsejjħa *spendita del nome* huwa meta tiġi kkuntrattata l-obbligazzjoni għaliex huwa f'dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b`mod ċar u univoku illi f`dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f`ismu personali iżda f`isem persuna jew entita' oħra li trid tiġi identifikata tajjeb. Huwa ukoll l-obbligu ta' min ikun qed jikkuntratta illi jassigura li dan il-fatt, ċioe illi huwa ikun qed jidher għan-nom ta' persuna oħra u mhux għalih innifsu, ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra.

[26] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.
[27] *ibid.*

Altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabiltà għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju.

28. Wara li qieset il-provi fl-assjem tagħhom - liema provi jkollu jingħad illi ħafna drabi marru oltre il-kwistjoni tar-relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti – il-Qorti tikkunsidra li ma jirriżultax illi matul in-negozjati bejn l-intimata u Antonino Santoro dan tal-aħħar qatt kien informa lil Peresso illi huwa kien ser jwettaq ix-xogħolijiet rikjesti f'isem il-kumpanija rikorrenti. Huwa minnu li fl-*affidavit* tiegħu Santoro jgħid illi l-istima inizjali li għadda lill-intimata, f'isem negozju bl-isem ta' *Edil Gordon,* kienet waħda proviżorja għaliex huwa kien ser jiftaħ il-kumpanija rikorrenti f'Malta. Madanakollu għalkemm jista' jagħti l-każ li dan huwa dak li kellu f'moħħu l-istess Santoro ma jirriżultax pruvat illi kien hemm konoxxenza ta' dan il-fatt min-naħa tal-intimata. Anzi, din xehdet illi l-ewwel darba li semgħet bil-kumpanija rikorrenti kien meta Santoro bagħtilha l-istima ġdida fis-27 ta' Jannar 2018 f'isem Joekonedo Limited.

29. Għall-finijiet ta' eżattezza mid-dokumenti esebiti joħroġ:

- Illi Santoro bagħat erba' stimi separati lill-intimata għax-xogħolijiet in kwistjoni u ċioe waħda fil-25 ta' Ottubru 2017, tnejn oħra fl-20 ta' Novembru 2017 u oħra fl-14 ta' Diċembru 2017. Dawn kollha kienu intestati *"Edil Gordon Di Santoro Antonino*", u

- Illi l-istima tal-14 ta' Diċembru 2017 kienet ġiet aċċettata mill-intimata b'żewġ modifiki elenkati mill-intimata fl-*email* tagħha lil Santoro fid-19 ta' Diċembru 2017: (i) rigwardanti l-madum tal-bitħa li kienet ser tissupplixxi hija stess, u li ridietu jinkludi fl-istima, u (ii) rigwardanti l-prezz tal-kmamar tal-banju li riedet tnaqqas minn € 7,400 għal € 6,000. Fl-*email* li Santoro bagħat lill-intimata dakinhar stess bi tweġiba għall-istess *email* huwa *inter alia* ddikjara l-qbil tiegħu għall-kontroproposta tal-intimata.

30. F'dak il-mument ġie finalizzat il-ftehim bejn il-partijiet ġaladarba kien hemm ftehim dwar il-prezz u dwar ix-xogħol li kellu jingħata. Dan ma jfissirx illi maż-żmien **<u>l-istess partijiet</u>** ma setgħux ivarjaw il-ftehim ta' bejniethom billi per eżempju jżidu jew jnaqqsu mill-lista ta' xogħolijiet jew jvarjaw il-prezz, bi ftehim.

31. Hemm qbil illi x-xogħolijiet bdew fl-aħħar ta' Jannar 2018 u li l-aħħar stima, ossia' dik li nħarġet taħt l-isem tal-kumpanija rikorrenti, intbagħtet lill-intimata ftit wara li nbdew tali xogħolijiet.

32. Il-kumpanija rikorrenti ssostni illi ġaladarba (i) l-intimata ma pprotestatx din l-aħħar stima fis-sens illi ma kienetx qed taqbel illi l-ftehim kien magħha u mhux ma' Santoro personalment, (ii) l-intimata ħallset akkont tal-prezz permezz ta' ċekkijiet indirizzati lill-kumpanija rikorrenti, (iii) l-intimata ma pprotestatx il-fatturi maħruġa lilha mir-rikorrenti.

33. Min-naħa tagħha l-intimata ssostni illi hija kienet iżjed moħħha fil-bidliet (inkluż fil-prezz) li għamel Santoro unilateralment fl-istima li bagħtilha u li hija għamlet kif qalilha meta talabha biex iċ-ċekkijiet tagħmilhom pagabbli lill-kumpanija rikorrenti. Tgħid ukoll l-intimata illi l-ħlasijiet saru mal-pendenza tax-xogħolijiet u li l-fatturi intbagħtu lilha wara li Santoro abbanduna l-lant tax-xogħol u mhux fid-dati indikati fuqhom.

34. Il-Qorti tqis però illi dak kollu li seta' seħħ **<u>wara</u>** li ġie konkluż il-ftehim bejn Santoro u l-intimata ma' jistax u ma' setax ibiddel il-vinkolu kuntrattwali ta' bejniethom. Il-preponderanza tal-provi turi illi Santoro qatt ma informa lill-intimata illi huwa kien qed jaġixxi bħala direttur tal-kumpanija rikorrenti, tal-inqas qabel ma bagħtilha l-istima fl-aħħar ta' Jannar 2018 meta l-ftehim ormai kien diġa konkluż **<u>bejn Santoro u l-intimata.</u>**

35. Għalhekk Santoro ma' seħħlux jikkonvinċi lill-Qorti illi huwa kien daħal fil-ftehim mal-intimata għan-nom tal-kumpanija rikorrenti u l-Qorti tqis illi kien hu personalment li assuma r-responsabiltà għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju.

**Deċiżjoni**

36. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |